MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 783/2014

**Martin Cassano**

**(ID 782253M)**

***kontra***

**Alessandro sive` Sandro Cassano**

**(ID 9667M)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fl-10 ta` Settembru 2014 **bil-procediment sommarju specjali** li jaqra hekk –

*Illi nhar it-12 ta` Settembru 2004 miet missier il-kontendenti Alfred Cassano ;*

*Illi fl-ahhar testment ta` l-imsemmi Alfred Cassano tas-26 ta` Awissu 2003 fl-atti tan-Nutar Dr Gerard Spiteri Maempel (Dok A) ;*

*Illi ai termini tat-tieni artikolu ta` l-imsemmi testment, il-konvenut kellu fi zmien hames snin mid-data tal-mewt ta` l-imsemmi testatur ihallas lil kull wiehed minn hutu, inkluz l-attur, is-somma ta` sbatax-il elf lira Maltin (Lm17,000) ekwivalenti ghal disa` u tletin elf hames mija u digha u disghin Ewro u hamsa u tletin centezmu(€39,599.35) - ghal darba biss, liema somma thalliet b`titolu ta` prelegat in piena proprjeta` lil kull wahda mill-atturi ahwa Cassano ;*

*Illi fil-frattemp kien sar tpacija ta` parti minn dina s-somma ma` akkwist ta` vettura mill-attur, li kienet tifforma parti mill-wirt. Il-prezz kellha titnaqqas mis-somma msemmija hawn fuq. Il-konvenut kellu jhallas elfejn liri Maltin (Lm 2,000) lil hutu Bernadette Gatt u Christine Scerri, izda l-konvenut kull ma hallas kien elf u hames mitt liri Maltin (Lm 1,500) ;*

*Illi l-bilanc dovut lill-attur jammonta ghal tlettax-il elf u hames mitt liri Maltin (Lm 13,500) ekwivalneit ghal wiehed u tletin elf erba` mija hamsa u hamsin Ewro (€31,455) ;*

*Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) in vista tar-rikors guramentat ;*

*2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas tlettax-il elf u hames mitt liri Maltin (Lm 13,500) ekwivalenti ghal wiehed u tletin elf erba` mija u hamsa u hamsin Ewro (€31,455).*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-23 ta` Ottubru 2014 fejn, wara li sabet illi *prima facie* l-konvenut kellu eccezzjonijiet x`jgib kontra l-mertu tal-azzjoni attrici, din il-Qorti tat lill-konvenut zmien ghoxrin (20) jum sabiex jipprezenta risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-konvenut fis-6 ta` Novembru 2014 li taqra hekk –

*1. ILLI preliminarjament, u in limine litis, l-esponenti jirrileva lill-Qorti illi tezisti kawza ohra, pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, Rikors Guramentat 71/08 AF fl-ismijiet "Bernardette mart Vincent Gatt minnu legalment separata, u Christine mart Albert Scerri vs Alessandro sive Sandro Cassano u ghal kull interess li jista` jkollu Martin Cassano." L-atturi f`din il-kawza talbu dikjarazzjoni illi "l-prelegat imholli minn Alfred Cassano lill-konvenut Alessandro Cassano bit-tieni artikolu tat-testment datat 26 ta` Awissu 2003 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel ma jikkomprendix il-fond "Romeo", f`Misrah it-Tigieg, Birkirkara, kif fizikament diviz minn Alfred Cassano u 2. konsegwentement tiddikjara u tikkonferma li l-fond "Romeo", f`Misrah it-Tigieg, Birkirkara, iddevolva, skond il-precitat testament, lill-atturi u l-konvenuti kollha fis-sehem ta` kwart (1/4) indiviz tan-nofs (1/2) indiviz, (peress li n-nofs indiviz l-iehor ghadu jappartjeni lil Violet Cassano bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha Alfred Cassano) kull wiehed u wahda mill-kontendenti. Din il-kawza hija sal-lum pendenti u differita ghas-sentenza ghas-7 ta` Jannar 2015 ;*

*2. ILLI preliminarjament, in limine litis, jigi rilevat illi din il-Qorti kif presjeduta iddecidiet kawza b`talba ghan-nom ta` zewgt ahwa Cassano ohra Bernadette Gatt u Christine Scerri, Rikors Guramentat 353/2011 fit-3 ta` Frar 2012, liema decizjoni giet appellata u mhux appuntata. Din it-talba hija a bazi ta` l-istess testament u artikolu. Hemm il-lok ta` diskussjoni ta` astensjoni jew rikuza ta` din il-Qorti illi diga` esprimiet ruhha fuq il-materja. Ukoll hemm lok illi jigi dibattut il-gestjoni tat-tliet kawzi – dik pendenti ghas-sentenza quddiem Qorti diversament presjeduta, l-Appell minn sentenza fuq talba u punt identiku deciz minn din il-Qorti u l-kawza prezenti ;*

*3. ILLI ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ta` l-esponent hija illi t-testment irid jinqara "quid unum" : dan ifisser, konsegwentement, illi ma hemmx accettazzjoni tat-testment inkondizzjonata u ta` l-eredita` ta` Alfred Cassano. B`hekk l-attur ma jistax minn naha ma joqghodux jew jaghti interpretazzjoni li jidhirlu hu lit-testment ta` missieru, u fl-istess waqt jaghzlu dawk id-disposizzjonijiet li huma konvenjenti ghalih. Bhala principju, jekk l-attur ghazel li jikkontesta interpretazzjoni ta` testament, ma jistax imbaghad jaghzel hu x`jorbot lill-partijiet ;*

*4. ILLI jsegwi ghalhekk illi l-azzjoni hija intempestivita` f`dan l-istadju tat-talba, fil-mument li ma hemmx accettazzjoni tat-testment, izda proceduri litigjuzi fuqu ;*

*l-attur ghandu jaghmel ghazla : il-konvenut kien u ghadu dispost illi jhallas l-ammont minnhom mitlub jekk ma jkunx hemm kontestazzjoni dwaru.*

*5. ILLI ghalkemm testament mhux kuntratt, dan ma jfissirx illi parti tista` taghzel partijiet minnu li tonora u partijiet ohra, le – jekk parti taghzel li timpunja, allura la darba gew kreati bit-testment ghal min jaccettah, drittijiet, dmirijiet u obbligi, isegwi illi l-ammont mhux dovut f`dan l-istadju. Ghalhekk f`dan l-istadju, jorbot il-principju "inademplendum non est ademplendi" – fis-sens illi jekk l-attur jrid joqghod ghat-testment, irid jaghmel il-parti tieghu. Jekk irid jirrinunzja ghall-eredita`, ghandhom triq ohra.*

*L-esponent ghalhekk qieghed jirriserva li jsejjah formalment lill-attur biex jindika ix-xelta tieghu formalment u jirriserva illi jeccepixxi ulterjorment fid-dawl tas-sentenza u anke fid-dawl tal-konsiderazjonijiet precedenti.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Rat in-nota b`affidavit tieghu li pprezenta l-attur fid-19 ta` Novembru 2014.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta l-attur fit-2 ta` Dicembru 2014.

Rat in-nota bl-affidavit ta` Bernadette Gatt li pprezenta l-attur fl-14 ta` Jannar 2015.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta` Jannar 2015 fejn il-konvenut, wara li ddikjara li kien qieghed jinsisti fuq it-tieni eccezzjoni tieghu, ippreciza li t-talba tar-rikuza tal-imhallef sedenti saret skond l-Art 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet dwar it-tieni eccezzjoni fl-istess udjenza.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar it-tieni eccezzjoni.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. Dritt**

L-**Art 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12** (citat mill-konvenut bhala l-bazi wara t-tieni eccezzjoni tieghu) jaqra hekk :-

*L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża … jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef … Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles ab observantia.*

Specifikament dwar din id-disposizzjoni, kien rilevat fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-6 ta` Novembru 1967 fil-kawza "**Carmelo Gauci vs Giorgio Gatt et**" illi :-

***"Gie dejjem ritenut illi l-kazijiet li fihom Imhallef jista` jastjeni jew jigi rikuzat huma dawk biss tassattivament imsemmija fl-imsemmi artikolu. Gie wkoll dejjem ritenut illi l-kliem "il-kawza" fid-disposizzjoni hawn fuq citata jirriferixxu ghall-istess kawza li fiha tkun inghatat id-decizjoni precedenti …*** (enfasi ta` din il-qorti)

*Imhallef jista` jigi rikuzat f`kawza meta din tkun ga giet quddiemu bhala Imhallef. Izda d-decizjoni tieghu f`dik il-kawza trid tkun tinvolvi l-istess meritu f`liema huwa ga ppresjeda. Jekk il-mertu jkun differenti l-espressjoni da parti tal-imhallef ta` opinjoni dwar il-provi migbura mill-parti fil-kawza precedenti ma tassoggettahx ghall-possibilita` ta` rikuza."*

Fis-sentenza li tat fil-15 ta` Marzu 1996 fil-kawza "**Dr Alfred Mifsud vs Onor Prim` Ministru et**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istess disposizzjoni :-

*Kif osservat mill-Imhallef Xuereb fis-sentenza 'Caruana vs De Piro' (15 ta` Mejju 1889 a Vol XII p.241) l-uzu fil-ligi tal-kelma 'kawza' preceduta mill-artikolu determinattiv ('il-kawza') juri li **l-ligi kkontemplat kawza determinata li ma tistax tkun hlief il-kawza pendenti**, molto piu` in vista tal-kliem spjegattivi aggunti mil-ligi riferibbilment ghal-limitazzjoni tal-kazijiet ta` rikuza ghall-Imhallef li jkun 'qata' definittivament l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet …* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti).

Fil-provvediment li tat fis-17 ta` Novembru 2014 fil-kawza "**L-Imhallef Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco vs L-Onorevoli Prim Ministru et**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

*9. Illi tabilhaqq ir-ragunijiet li ghalihom gudikant jista` jigi rikuzat milli jkompli jisma` kawza huma biss dawk li l-ligi nnfisha ssemmi u, f`kazijiet eccezzjonali, ragunijiet ohrajn serji li jwasslu bhala xierqa u f`posthom ("conveniente") tali astensjoni jew rikuza. L-istitut tar-rikuza jew tal-astensjoni huwa mahsub biex ihares l-ahjar interessi tal-gustizzja ...*

*10. Illi minbarra dan, l-istitut tar-rikuza jew l-astensjoni tal-gudikant jinbena fuq il-presuppost li l-gudikant li quddiemu titressaq kawza la huwa parzjali u lanqas korrott u li fuq kollox huwa –dmir tieghu u mhux semplici privilegg jew favur li huwa jisma` u jaqta` kull kawza li titressaq quddiemu. U l-fatt wahdu li l-ligi nnfisha taghti lil dak il-gudikant is-setgha li jqis jekk ghandux jilqa` jew le talba biex jastjeni mis-smigh ta` kawza ma ggibx lil dak il-gudikant daqslikieku sar wahda mill-partijiet fil-kawza ;*

*11. Illi d-disposizzjoni tal-Art 734(1)(d) tal-Kap 12 tghodd ghall-kaz fejn l-istess kawza terga` titqieghed quddiem il-gudikant rikuzat wara li kien ta sentenza fl-istess kawza, imma ma tghoddx fejn dik is-sentenza tkun qatghet impar parti mill-mertu u tkun ghadha quddiemu biex jiddeciedi talbiet ohrajn fil-mertu tal-istess kawza ;*

*12. Illi dik id-disposizzjoni ma tghoddx fejn id-decizjoni moghtija ma tkunx qatghet definittivament il-mertu tal-kawza u lanqas fejn il-kitba dwar il-kawza ma tkunx messet il-qalba fil-mertu tal-kwestjoni nvoluta ;*

*13. Illi l-enuncjazzjoni ta` principji legali minn Qormi f`sentenza taghha bla ma tkun ghaddiet biex tapplika dawk il-principji fil-kawza li jkollha quddiemha ma titqiesx bhala raguni tajba bizzejjed biex iggib fis-sehh it-thaddim tal-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kodici Procedurali ;*

*…*

*17. Illi mill-banda l-ohra l-fatt li gudikant titressaq quddiemu kwestjoni legali f`kawza li dwarha jkun diga` ta d-decizjoni tieghu f`kawza ohra ma jgibx b`daqshekk raguni tajba biex dak il-gudikant jastjeni jew ikun rikuzat milli jkompli jisma` l-kawza ta` wara. Fl-ewwel lok, kull decizjoni tiddependi mhux biss mill-principji legali imma wkoll mill-fatti u c-cirkostanzi partikolari li jsawru l-kaz ; fit-tieni lok, il-fehma li gudikant ikun wera f`decizjoni tieghu ta` qabel tista` tiehu xejra ohra fid-dawl ta` argumenti godda li jistghu jitressqu quddiemha jew fid-dawl ta` zviluppi*

*gurisprudenzjali jew dottrinali li jkunu sehhew minn dakinhar li kienet inghatat id-decizjoni ta` qabel …*

**Ikkunsidrat :**

**III. Risultanzi**

Bit-tieni eccezzjoni, il-konvenut qieghed jikkontendi li hemm lok ghar-rikuza tal-imhallef sedenti fil-kawza tal-lum ghaliex l-istess imhallef diga` ta sentenza (llum soggetta ghall-appell) fejn hemm it-talba kienet abbazi tal-istess testment, u l-istess artikolu tat-testment, u fejn allura diga` esprima ruhu dwar il-materja.

Minn qari tal-Art 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12 (citat mill-konvenut) hekk kif interpretat konsistentement mill-qrati taghna, l-eccezzjoni tal-konvenut hija nfondata, ghaliex jirrizulta li din il-Qorti kif presjeduta ma tat l-ebda decizjoni ohra fejn l-attur gab quddiemha l-istess mertu ta` dak li qieghed jitlob fil-kawza tal-lum kontra l-konvenut. L-Art 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12 ighodd ghall-kaz fejn l-istess kawza terga` titqieghed quddiem gudikant wara li kien ta sentenza fl-istess kawza. Issa l-kawza citata mill-konvenut fit-tieni eccezzjoni (u li hija soggetta ghall-appell) ma kenitx *il-kawza* li ghandha l-Qorti quddiemha fil-procediment tal-lum. Ghall-fini tal-applikazzjoni ta` l-Art 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12, mhuwiex rilevanti jekk il-procediment tal-lum jittrattax l-istess disposizzjoni tal-istess testment li kien mertu tal-kawza l-ohra. Dan apparti, u minn esami taz-zewg rikors guramentati, mhux biss ma jirrizultax li l-attur kien wiehed mill-atturi fil-kawza l-ohra, izda lanqas jirrizulta li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa l-istess bhal dak tal-kawza l-ohra tant li fil-kawza tal-lum, il-*quantum* tat-talba attrici huwa differenti minn dak li kien fil-kawza l-ohra, u dan ghar-ragunijiet li kien specifiku dwarhom l-attur fir-rikors guramentat tal-procediment tal-lum. Ghalhekk fil-kaz tal-lum, ma jistax jissussisti dak previst mill-Art 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, spejjez ghall-konvenut. Tordna li l-kawza tibqa` tinstema` minn din il-Qorti hekk kif presjeduta. Thalli l-kawza ghall-provi tal-attur ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 11 ta` Mejju 2015 fl-10.00 a.m.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------